18 ta' Ġunju 1965

Imħallef:

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Prof. Avukat Dottor Felice Cremona noe

*versus*

Carmelo Caruana noe

**Sensal — Nolleġġ — Użu — Artikoli 3, 83 u 94 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Sensal ikun obbligat personalment għall-esekuzzjoni tal-kuntratt tan-nolleġġ jekk hu ma jindikax l-ismijiet tal-nolleġġaturi ħlief wara li għaqqad l-operazzjoni.*

*Peress li din hi liġi espressa, ma tistax issir il-prova li jeżisti użu fis-sens li l-isem tan-nolleġġjatur jingħata biss meta dan jinnolleġġja l-vapur intier u mhux meta ikun hemm iżjed minn riċevitur wieħed.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine wara li ppremetta illi huwa bħala proprjetarju tal-motonave "Piero", innolleġġja l-istess bastiment minn Varna għal Malta għat-trasport ta' kariku ta' tmien mija (800) tunnellata zokkor, mitt (100) tunnellata ċiċri u ħames mitt (500) tunnellata xgħir u illi l-ftehim għan-nolleġġ sar mal-konvenut nomine li għalkemm kien qed jaġixxi bħala "broker" baqa' ma semmilux l-ismijiet tan-nolleġġjaturi ħlief żmien wara li m/n "Piero" kienet waslet Malta u l-merkanzija ġiet ikkonsenjata; u illi għalhekk il-konvenut nomine di fronte għalih hu responsabbli personalment għan-nolleġġ tal-imsemmi bastiment; u illi dan in-nolleġġ ġie kontrattat permezz ta' diversi telegrammi u ittri bil-kondizzjonijiet riportati fl-ittra tad-dsatax (19) ta' Novembru,

1962, u t-telegrammi li kopji tagħhom jinsabu flimkien ma kopja tal-imsemmija ittra hemm annessi Dokumenti "B" u "c" u illi ġew miftehma stalliji ta' ħamest ijiem u nofs riversibbili għall-karikazzjoni u skarikazzjoni u kontrostallji ta' mitt lira (£100) kull ġurnata; u illi għall-karikazzjoni u skarikazzjoni ġew użati jumejn tlettax-il siegħa u erbgħin minuta aktar miż-żmien miftiehem kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk hija dovuta s-somma ta' mitejn sitta u ħamsin lira tmintax-il xelin u ħdax-il sold (£256.18.11) għal kontrostallji u illi n-noll totali, wara li titnaqqas il-kummissjoni jammonta għal elfejn erbgħa mija u tnejn u disgħin lira sbatax-il xelin u żewġ soldi (£2,492.17.2) u għalhekk b'kollox l-ammont lilu dovut jilħaq elfejn sebgħa mija u disgħa u erbgħin lira sittax-il xelin u sold (£2749.16.1) u illi l-ammonti dovuti lill-konvenut nomine jammontaw għal mija u erbgħa u sittin lira tmintax-il xelin u għaxar soldi (£164.18.10) għal sbank u ħmistax-il lira (£15) extra assigurazzjoni u b'hekk il-bilanċ dovut lilu (i.e. lill-attur nomine) hu ta' elfejn ħames mija u disgħa u sittin lira, sbatax-il xelin u tliet soldi (£2569.17.3) u illi l-konvenut nomine ivversalu elfejn u tliet mitt lira (£2300) akkont u baqa' jivversalu bilanċ ta' mitejn u disgħa u sittin lira sbatax-il xelin u tliet soldi (£269.17.3) li l-konvenut nomine qed jirrifjuta jħallas; talab li — premessa d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni l-istess konvenut nomine, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' mitejn u disgħa u sittin lira sbatax-il xelin u tliet soldi (£269.17.3). Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru, 1963 u bl-imgħax kummerċjali minn dina d-data;

OMISSIS:

Illi dina l-kwistjoni preliminari tirriferixxi u toħroġ millewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine fis-sens li hu ma għandux jirrispondi personalment għat-talba attriċi billi fil-

kuntratt ta' nolleġġ, a bażi tal-istess talba, hu kien biss "broker" u mhux nolleġġjatur. Fil-fatt l-attur nomine, fil-premessi taċ-ċitazzjoni, kien semma li l-konvenut fl-istess kuntratt kien aġixxa bħala "broker" iżda semma wkoll li, billi dana ma kienx semma l-ismijiet tan-nolleġġjaturi ħlief wara l-konsenja tal-merkanzija, hu kien responsabbli personalment għan-nolleġġ; il-konvenut konfrontat bl-artikolu 94 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, qiegħed jissottometti li dina d-disposizzjoni tal-liġi (li bħala tali teskludi l-possibilità ta' prova ta' użu in kuntrarju fis-sens tal-artikolu 3 (ibdem) ma tapplikax għaliħ billi tapplika biss għas-sensala pubbliċi u hu mhux tali billi ma għamilx dak li jingħad fl-artikolu 38 tal-istess Kodiċi. Fis-sottomissjoni tal-konvenut hu, taħt dawna ċ-ċirkostanzi, għandu jiġi ammess li jipprova l-użu, li semma meta xehed, fis-sens li l-isem tan-noleġġjatur jingħata biss meta dan jinnolleġġja l-vapur intier u mhux meta ikun hemm iżjed minn riċevitur wieħed, bil-konsegwenza skond l-istess teżi konvenuta, li n-nuqqas li jsemmi l-istess tat-tliet riċevituri li għabbew fuq il-bastiment in kwistjoni ma għandux iġib ir-responsabbiltà personali tiegħu għall-esekuzzjoni tal-kuntratt tan-nolleġġ kif allegat u mitlub mill-attur nomine.

Ikkunsidrat:

Illi għalkemm il-fatti deposti mill-konvenut jistgħu jispjegaw l-atteġġjament tiegħu, fil-proċedura skritta u waqt it-trattazzjoni lejn it-talba attriċi, dawna ma jistgħux legalment jagħtuh raġun. Hu stess jikkwalifika lilu nnifsu bħala "broker" (dok. a fol. 25) u, dak li hu iżjed importanti, l-operat tiegħu fil-kuntratt in kwistjoni kien ta' "broker" għalkemm l-attur beda jiddubita li kien anke iżjed minn daqshekk (ibid); l-obbligu tiegħu għalhekk iridu jkunu dawk li joħorġu minn kwalità simili, anke jekk ma ottemperax għall-formalitajiet rikjesti biex jista' jaġixxi f'dina l-kwalità, billi diversament hu jkun qiegħed jieħu vantaġġ minn nuqqas tiegħu stess. Jiż-

died ukoll li la darba jikkwalifika ruħu bħala tali, u aġixxa fil-kwalità hekk assunta, speċjalment ma persuna estera li għandha raġun tippresumi li hu kien intitolat jassumi u jaġixxi f'dik il-kwalità, *dina r-regola għandha iżjed ikollha* applikazzjoni rigoruża salvi konsegwenzi oħrajn li però ma jinfluwixxux fuq ir-rapporti bejnu u l-attur; Jista' hawn jissemma l-prinċipju li bniedem li għandu karika nkompatibbli mal-eserċizzju tal-kummerċ u jsir kummerċjant jekk jagħmel wkoll f'ismu atti tal-Kummerċ bi professjoni, salvi l-kumminazzjonijiet li jinkorri mħabba f'hekk, billi dana l-istess prinċipju "mutatis mutandis" japplika għall-każ presenti;

Illi s-sens tad-disposizzjoni (*art. 94) preċitata hu ċar biżżejjed* u kwindi ma' jirrekjedi ebda sforz biex jiftiehem jew jitfisser; il-konvenut għandu "iwieġeb personalment għall-esekuzzjoni tal-kuntratt", kif mitlub mill-attur nomine, la darba, kif min dana allegat, irriżulta li hu semma l-ismijiet tan-nolleġġjaturi wara li għaqqad l-operazzjoni u ebda prova ma tista' tinġieb ta' xi użu kontra dina d-disposizzjoni billi hi din li għandha tirregola negozju simili. Il-konvenut fin-nota tiegħu (fol. 31 tergo) ta' x'jifhem li setgħa ta' każ li semma l-ismijiet tan-nolleġġjaturi qabel ma ġie konkluż in-nolleġġ, meta l-istess kien qed jiġi trattat, iżda meta reġa' xeħed fuq dina ċ-ċirkostanza (fol. 42) hu ma' *setax jgħid dan b'ċertezza* u anzi qal li f'każi bħal preżenti, meta jkun hawn iżjed minn nolleġġjatur wieħed, mhux soltu li jissemma isimhom u hekk ġie kkonferma x-xhieda preċedenti (*fol.* 21 u anke 22) li l-ismijiet tahom lill-attur meta dan talabhomlu, "wara li l-vapur kien ġa mar u li nqalgħet il-kwistjoni ta' li stallji;

Għal dawna l-motivi:

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut nomine bl-ispejjeż kontra tiegħu u tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni fil-meritu għall-udjenza tal-erbatax (14) ta' Ottubru 1965.